MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 18/2012

**Raymond Auto Dealer Limited**

**(C-9850)**

**vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**u l-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur fuq indikat datat il-21 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi hi kreditrici ta' Mario Buhagiar u ta' Michelle Bugeja indikati fl-istess rikors promotur, (ara foll 1);

1.2. Illi l-istess kreditu gie rez ezegwibbli permezz t'ittra ufficjali datata t-28 ta' Mejju, 2007, u ggib in-numru 3017/2007;

1.3. Illi wara mandat ta' qbid intavolat mis-socjeta` rikorrenti kontra l-imsemmija debituri giet elevata l-vettura numru KBG-703 u anke sussegwentement ipprocediet bi procedura ta' subbasta fir-rigward li ggib in-numru 107/2008, datata s-16 ta' Frar, 2009;

1.4. Illi konsegwenza tas-subbasta *de* quo is-socjeta` rikorrenti akkwistat il-vettura fuq riferita;

1.5. Illi meta gew biex jaghmlu r-registrazzjoni tal-imsemmija vettura l-Awtorita` intimata opponiet *stante* li kienet qed tezigi l-hlas tal-kontravenzjonijiet u mizati involuti ammontanti komplessivament ghal tlett elef mija u tnejn u disghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€3,192.51), kif deskritti fl-istess rikors promotur, (ara foll 1);

1.6. Illi l-imsemmija kontravenzjonijiet u mizati kienu gew inkorsi mill-imsemmija debituri Buhagiar u Bugeja qabel ma saret is-subbasta fuq riferita;

1.7. Illi s-socjeta` rikorrenti ma kienitx taf bl-ezistenza tal-kontravenzjonijiet u mizati *de quo* u lanqas setghet tkun taf bihom qabel ma saret is-subbasta in dizamina;

1.8. Illi l-ammont fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel) ghadu pendenti;

1.9. Illi l-Awtorita` intimata ma ghamlet xejn biex tigbor l-imsemmi ammont minghand il-persuni li nkorrewhom;

1.10. Illi b'digriet datat it-18 ta' Novembru, 2009, l-qorti ordnat lill-Awtorita` intimata biex taffettwa t-trasferiment tal-vettura favur is-socjeta` rikorrenti;

1.11. Illi b'rikors datat is-26 ta' Novembru, 2009, l-Awtorita` intimata opponiet din l-ordni riferit fil-paragrafu precedenti u anke talbet ir-revoka ta' l-istess digriet;

1.12. Illi din it-talba ta' l-Awtorita` intimata giet michuda;

1.13. Illi sussegwentement l-istess Awtorita` intimata pprezentat mandat t'inibizzjoni, liema mandat kien ukoll respint;

1.14. Illi konsegwentement, il-vettura fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), giet registrata f'isem is-socjeta` rikorrenti;

1.15. Illi s-socjeta` rikorrenti effettwat diversi riparazzjonijiet u sussegwentement effettwat il-bejgh ta' l-istess vettura;

1.16. Illi meta s-socjeta` rikorrenti marret biex taghmel it-*transfer* relattiv minn fuq isimha ghal fuq l-akkwirent il-gdid, giet impeduta billi fuq il-*log book* relattiv hemm indikat li l-ebda trasferiment ma jista` jigi effettwat minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-Awtorita` intimata *stante* l-kontravenzjonijiet u mizati pendenti fuq riferiti;

1.17. Illi konsegwenza ta’ l-istess lanqas il-licenzja tat-triq ma tista` ssir u ghalhekk il-vettura *de quo* ma tistax tinstaq fit-triq;

1.18. Illi l-kontravenzjonijiet u mizati *de quo* huma spettanti lil min ghamilhom u mhux lis-socjeta` rikorrenti;

1.19. Illi l-Awtorita` intimata m’ghamlet xejn biex tigbor l-ammont hekk lilha dovut;

1.20. Illi l-Awtorita` *de quo* qed tibbaza il-posizzjoni taghha fuq l-artiklu 3 ta’ l-Avviz Legali 381 tal-2003, (ara foll 2);

1.21. Illi permezz ta’ rikors datat l-10 ta’ Novembru, 2011, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-qorti opportuna tordna li r-restrizzjoni fuq il-*log book* fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt sittax, (1.16.), aktar qabel), tigi mnehhija u li l-kontravenzjonijiet u mizati relattivi m’ghandhomx jeffettwaw lis-socjeta` rikorrenti u t-trasferiment mitlub;

1.22. Illi t-talbiet indikati fil-paragrafu precedenti gew michuda b’digriet datat is-6 ta’ Jannar, 2012;

1.23. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha dritt dgawdi l-possedimenti taghha;

1.24. Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti m'ghandiex rimedju effettiv biex tikkontesta l-kontravenzjonijiet *de quo*;

1.25. Illi l-istess kontravenzjonijiet u mizati:

1.25.1. Ma jispettawx lis-socjeta` rikorrenti;

1.25.2. Is-socjeta` rikorrenti ma kienitx taf bihom qabel ma` saret is-subbasta;

1.25.3. Illi ghalkemm l-atti tas-subbasta *de quo* gew debitament pubblikati skont il-ligi, l-Awtorita` m'ghamlet xejn biex tindika l-ezistenza ta' l-istess kontravenzjonijiet u mizati;

1.26. Illi bl-akkwist tal-vettura b'titolu ezekuttiv ma jfissirx li l-akkwirent ghandu jhallas l-imsemmija kontravenzjonijiet u mizati kif qed titlob l-imsemmija Awtorita`;

1.27. Illi s-socjeta` rikorrenti m'ghandiex tigi penalizzata minhabba l-inadempjenza tal-imsemmija Awtorita`;

1.28. Illi bl-agir tal-Awtorita` *de quo*, id-drittijiet sanciti fl-artiklu 1 Protokol 1 u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tas-socjeta` rikorrenti qed jigu stultifikati;

1.29. Illi ghalhekk, l-istess socjeta` rikorrenti ghandha dritt ghal rimedju xieraq u effettiv;

1.30. Illi *stante* li qed tigi attakkata l-kostituzzjonalita` tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, qed jigi imharrek l-Avukat Generali;

1.31. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex din:

1.31.1. Tiddikjara li d-disposizzjonijiet tal-artiklu 3 tal-Avviz Legali 381 tal-2003 kif applikat fil-kaz odjern iledi d-drittijiet fundamentali kemm ta' proprjeta` kif ukoll, ta' smiegh xieraq, u allura huma in violazzjoni ta' l-artiklu 1 Protokol 1 u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;

1.31.2. Taghti rimedju xieraq, effettiv u opportun, konsistenti fl-ordni li jitnehha b'mod assolut, l-ostaklu tal-imsemmija kontravenzjonijiet u mizati fuq riferiti *stante* li ma jispettawx lill-esponenti;

1.31.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu kumpens xieraq u danni morali lis-socjeta` rikorrenti biex jaghmel tajjeb ghad-danni pekunjarji u extra pekunjarji minnha sofferti;

1.31.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-Awtorita` intimata datata t-3 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti:

2.1. Illi l-Awtorita` intimata mhix il-legittima kontraditrici;

2.2. Illi ghalhekk ghandha:

2.2.1. Tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2.2.2. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

2.3. Illi l-Awtorita` mhix legislatur u ma kitbitx il-ligi li hi l-mertu tal-kawza – Avviz Legali 381 tal-2003;

2.4. Illi l-istess Awtorita` hi marbuta bil-ligi in kwistjoni u hi marbuta ghalhekk li ma tirregistrax it-trasferiment ta' vettura sa kemm kull multa, ammenda jew penali registrata fuq l-istess vettura tithallas;

2.5. Illi l-ligi *de quo* ma thalli l-ebda diskrezzjoni lill-Awtorita`;

2.6. Illi l-artiklu 3 ta' l-Avviz Legali 381 tal-2003 ma jilledix id-drittijiet fundamentali – kemm ta' proprjeta`, kif ukoll, ta' smiegh xieraq;

2.7. Illi allura mhux il-kaz li l-ligi *de quo* hi vjolazzjoni tal-artiklu 1 Protokol 1 u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali;

2.8. Illi ghalhekk, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati;

2.9. Illi l-Awtorita` intimata mhix responsabbli ghal ebda danni u/jew kumpens;

2.10. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.11. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

3.0 Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali datata l-10 ta' Mejju, 2012, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati *stante* li ma sar l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali rikjamati;

3.2. Illi s-socjeta` rikorrenti ghazlet li takkwista il-vettura *de quo* bil-procedura tas-subbasta, u dan *tale quale*;

3.3. Illi l-artiklu 3 ta' l-Avviz Legali 381 tal-2003 jirregola l-multi, ammendi jew penali bil-ghan li l-posizzjoni tal-erarju ma tigix abbuzata;

3.4. Illi s-socjeta` rikorrenti missha vverifikat kienx hemm dejn u/jew pizijiet fuq il-vettura in dizamina qabel m'akkwistha;

3.5. Illi s-socjeta` rikorrenti ilha f'dan is-settur tan-negozju u l-posizzjoni fir-rigward hi ben nota minnha;

3.6. Illi m'hemm l-ebda distinzjoni bejn trasferiment volontarju u dak sussegwenti ghal subbasta fejn l-oggett jigi akkwistat *tale quale*;

3.7. Illi l-fatt li s-socjeta` rikorrenti akkwistat il-vettura *de quo* permezz ta' subbasta ma jezentahhiex mill-piz allacjat ma' l-istess vettura;

3.8. Illi minnhu nnifsu, l-akkwist t'oggett mobbli jew immobbli permezz ta' subbasta hu negozju azzardat u hu espost ghal riskji;

3.9. Illi l-artiklu 3 ta' l-Avviz Legali 381 tal-2003 ma' jivvjolax id-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta` *stante* li r-registrazzjoni tal-vettura kienet debitament effettwata favur is-socjeta` rikorrenti;

3.10. Illi ghalhekk l-intimat *de quo* mhux responsabbli ghal xi danni jew kumpens fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

3.11. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.12. Illi ghalhekk jitlob lil din il-qorti biex:

3.12.1. Tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

3.12.2. Bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti mhix opposta, ordnat l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasta msemmija fir-rikors promotur, (ara paragrafu wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-30 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu u bl-estensjonijiet sussegwenti, fuq talba tas-socjeta` rikorrenti, awtorizzat lill-partijiet jittrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 57);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta`rikorrenti datata t-22 t'April, 2014, (ara foll 73), dik ta' l-Awtorita` intimata datata s-16 ta' Mejju, 2014, (ara foll 93), u dik ta' l-intimat Avukat Generali datata l-1 t'Ottubru, 2014, (ara foll 105);

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti tal-vertenza odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet socjeta` kreditrici ta' Mario Buhagiar u Michelle Bugeja;

8.2. Illi l-pretensjonijiet tal-istess socjeta` gew rezi ezegwibbli permezz t'ittra ufficjali datata l-28 ta' Mejju, 2007;

8.3. Illi konsegwentement inhareg ukoll mandat ta' qbid fuq il-vettura in dizamina tal-marka Fiat numru KBG-703;

8.4. Illi sussegwentement ittiehdu proceduri permezz ta' subbasta li giet effettwata fis-16 ta' Frar, 2009;

8.5. Illi permezz ta' l-istess is-socjeta` rikorrenti akkwistat il-vettura *de quo animo compensandi*;

8.6. Illi meta ghalhekk is-socjeta` rikorrenti marret tirregistra l-vettura f'isimha giet infurmata li kien hemm diversi pendenzi fir-rigward ta' l-istess vettura u konsegwentement ir-registrazzjoni kienet prekluza milli tigi konkluza;

8.7. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti qed tilmenta li d-drittijiet fundamentali taghha gew lezi u allura intavolaw il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rizultat tas-suespost jigi rilevat is-segwenti:

9.1. Illi kif isostni l-intimat Avukat Generali, hu ta' dominju pubbliku li s-socjeta` rikorrenti hi fis-settur tan-negozju tal-vetturi uzati u ghalhekk hi ben konsapevoli tal-proceduri kollha involuti fit-trasferiment ta' registrazzjoni ta' vetturi;

9.2. Illi jirrizulta pacifiku li l-akkwist konkluz mis-socjeta` rikorrenti sehh a bazi ta' procedura ta' subbasta;

9.3. Illi konsegwenza ta' l-istess, is-socjeta` rikorrenti akkwistat il-vettura in dizamina *tale quale*;

9.4. Illi ma jirrizultax li s-socjeta` rikorrenti effettwat xi ricerki fuq l-antecedenti li rrizultaw u allura sabet ruhha konfrontata b'diversi pagamenti naxxenti minn kontravenzjonijiet u mizati inkorsi mill-utenti precedenti Buhagiar u Bugeja fuq indikati;

9.5. Illi jirrizulta ghalhekk pacifiku li l-istess socjeta` rikorrenti naqset li teffettwa l-verifiki taghha fir-rigward qabel ma tippartecipa fis-subbasta inizjata minnha stess;

9.6. Illi ghalhekk, nuqqas li origina mill-istess nonkuranza tas-socjeta` rikorrenti m'ghandux jigi merfugh mill-erarju pubbliku li wara kollox qed jirrapprezenta lic-cittadin rett li jhallas it-taxxi kollha minnhu dovuti;

9.7. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll pacifiku li meta wiehed jixtri permezz ta' subbasta wiehed ikun qed jixtri l-mobbli jew immobbli involut *tale quale* li fil-kaz in dizamina jfisser li l-akkwirent ikollu jhallas il-kontravenzjonijiet u mizati involuti, *stante* li tali akkwist ma jezentax lill-akkwirent mill-piz li jista` jkun allaccjat mall-istess mobbli jew immobbli hekk mixtri;

9.8. Illi socjeta` bhal dik rikorrenti ghandu jkollha esperjenza bizzejjed biex tkun taf li dak minnha propost bl-azzjoni odjerna mhux possibbli, tenut kont ukoll tal-fatt li l-avvanz amministrattiv riskonstrat jiffacilita` tali ricerka reza hekk necessarja tramite verifika elettronika;

Ikkunsidrat:

10. Illi jirrizulta *di piu`* assodat li r-registrazzjoni rikjesta kienet effettivament sehhet u konsegwentement, il-vjolazjoni hawn indirizzata mis-socjeta` rikorrenti allura attwalment ma tirrizultax;

Ikkunsidrat:

11. Illi l-allegazjjoni tas-socjeta` rikorrenti li l-vettura in dizamina instabet li kellha bzonn ta' diversi riparazzjonijiet lanqas ma tregi *stante* li l-akkwist *de* quo, kif ritenut ukoll aktar qabel, sar *tale quale* wara li l-istess tkun ezaminata mill-partecipanti tas-subbasta *de* quo;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi tenut kont tas-suespost ma jirrizultax li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tas-socjeta` rikorrenti kif minnha reklamati, u konsegwentement, filwaqt li takkolji r-risposti tal-Awtorita` intimata u ta' l-intimat Avukat Generali ma tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha u ghalhekk:

**DECIDE:**

12.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

12.2. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------